**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Mohamad Ali Mustafa**
**Mohammad Haroum**
**Tajeldeen Mohamed**
**Abdoulaye Nadif**
**Jamal El Deen**
**Abubaker Zina**
**Adam Abdallah**
**Ahmed Abdulzei**

**Illum 26 t'Awwissu 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mohamad Ali Mustafa** imwieled fl-1 ta 'Awwissu 2000 gewwa Dourbali, Chad, ta' nazzjonalità Chadjana, iben Ali u Fatima detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-039 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, **Mohammad Haroum** imwieled fil-5 ta 'Jannar 2002 gewwa Qarrouba, Chad, ta' nazzjonalità Chadjana, iben Haroum u Aziza detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-017 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, **Tajeldeen Mohamed,** iben Mohamed u Hosna imwieled nhar il-31 ta 'Jannar 2001 gewwa Jinena, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Mohamed u Hosna detentur tan-numru tal-Pulizija 21E-041 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, **Abdoulaye Nadif** imwieled fil-15 ta 'Gunju 2000 gewwa N'djamena, Chad, ta' nazzjonalità Chadjana, iben Abdoulaye u Jungla detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-040 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, **Jamal El Deen Mohamed** imwieled fil-5 ta 'Frar 2002 gewwa Al Junaynah, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Mohamed u Samja, detentur tan-numru tal-Pulizija 21E-046 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia; **Abubaker Zakaria,** iben Zakaria u Neqma imwieled nhar l-01 ta 'Jannar 2003 gewwa Koulbous, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-043 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, **Adam Abdallah**, iben

Abdallah u Mariam, imwieled nhar l-14 t'April 2003 gewwa Wadishok, Chad, ta' nazzjonalità Chadjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-041 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, u **Ahmed Abdulzein,** iben Ahmed Abdulzein, imwieled nhar il-15 ta 'Frar 2002 gewwa Atiko, Chad, ta' nazzjonalità Chadjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 21C-054 u residenti gewwa Hal-Far Tent Village, Birzebbugia, talli fil-25 t'Awwissu 2021, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

1. Kellhom f'idejhom Passaport, mahrug minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaport lill-persuna ohra jew ircevew passaport li gie ittrasferit lilhom minn persuna ohra;
2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dawk diga' msemmija;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti jew Periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni: (1) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz- Dok. "A"; (2) *Personal details form* ta' l-imputat Mohamad Ali Mustafa- Dok. "B"; (3) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Mohamad Ali Mustafa liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu – Dok. "C1" u Dok. "C2"; (4) *Personal details form* ta' l-imputat Mohammad Haroum - Dok. "D"; (5) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Mohammad Haroum liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu – Dok. "E1" u Dok. "E2"; (6) *Personal details form* ta' l-imputat Mohamed Tajeldeen - Dok. "F"; (7) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Mohamed Tajeldeen liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "G1" u Dok. "G2"; (8) *Personal details form* ta' l-imputat Abdoulaye Nadif - Dok. "H"; (9) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Abdoulaye Nadif liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "I1" u Dok. "I2"; (10) *Personal details form* ta' l-imputat Mohamed Jamal El Deen - Dok. "J"; (11) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Mohamed Jamal El Deen liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "K1" u Dok. "K2"; (12) *Personal details form* ta' l-imputat Zakaria Abubaker - Dok. "L"; (13) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Zakaria Abubaker liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "M1" u Dok. "M2"; (14) *Personal details form* ta' l-imputat Abdallah Adam - Dok. "N"; (15) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Abdallah Adam liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "O1" u Dok. "O2"; (16) *Personal details form* ta' l-imputat Ahmed Abdulzein - Dok. "P"; (17) Passaport u Karta ta' l-Identità Taljana li nstabu fil-pussess ta' Ahmed Abdulzein liema Passaport u Karta ta' l-Identità ma jghajtux lilu - Dok. "Q1" u Dok. "Q2"; (18) Tmien (8) boarding passes li lkoll flimkien qed jigu mmarkati Dok. "R"; (19) Vera fotokopja tad-dokumenti msemmija aktar 'il fuq - Dok. "S"; (20) Rifjut tal-jedd tal-parir ta' l-imputat Ahmed Abdulzein – Dok. "T1"; (21) Rifjut tal-jedd tal-parir

ta’ l-imputat Mohamad Ali Mustafa – Dok. “T2”; (22) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Mohammad Haroum – Dok. “T3”; (23) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Mohamed Tajeldeen– Dok. “T4”; (24) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Mohamed Jamal El Deen – Dok. “T5”; (25) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Amine Abdoulaye Nadif – Dok. “T6”; (26) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Abubaker Zakaria– Dok. “T7”; (27) Rifjut tal-jedd tal-parir ta’ l-imputat Adam Abdallah– Dok. “T8”; (28) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Ahmed Abdulzein – Dok. “U1”; (29) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mohamad Ali Mustafa – Dok. “U2”; (30) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mohammad Haroum – Dok. “U3”; (31) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mohamed Tajeldeen– Dok. “U4”; (32) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mohamed Jamal El Deen – Dok. “U5”; (33) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Amine Abdoulaye Nadif – Dok. “U6”; (34) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Abubaker Zakaria– Dok. “U7”; (35) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Adam Abdallah– Dok. “U8”; (36) Nota tal-Arrest ta’ l-imsemmija imputati – Dok. “V”; (37) Il-fedina penali ta’ l-imputat Ahmed Abdulzein – Dok. “W1”; (38) Il-fedina penali ta’ l-imputat Mohamad Ali Mustafa – Dok. “W2”; (39) Il-fedina penali ta’ l-imputat Mohammad Haroum – Dok. “W3”; (40) Il-fedina penali ta’ l-imputat Mohamed Tajeldeen– Dok. “W4”; (41) Il-fedina penali ta’ Mohamed Jajeldeen – Dok. “W5”; (42) Il-fedina penali ta’ l-imputat Amine Abdoulaye Nadif – Dok. “W6”; (43) Il-fedina penali ta’ l-imputat Abubaker Zakaria– Dok. “W7”; (44) Il-fedina penali ta’ l-imputat Adam Abdallah– Dok. “W8”;

Rat li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergġħu lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-**imputati kollha flimkien** qed jigu akkuzati talli fil-25 t’Awwissu 2021, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ’qabel din id-data f’dawn il-gzejjer; (a) Kellhom f’idejhom Passaport, mahrug minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaport lill-persuna ohra jew ircevew passaport li gie ittrasferit lilhom minn persuna ohra; (b) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dawk diga ’msemmija; u (c) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni folza jew taghrif ta ’fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta ’l-Immigrazzjoni.

L-imputati lkoll wiegbu li huma hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti ssibhom ilkoll hekk hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha deddoti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni fi stajdu bikru tal-proceduri u li kkooperaw mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputati **kollha** hatja, fuq ammissjoni taghhom, ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, tikkundanna lil **kull wiehed minnhom** ghall-perijodu ta ’sitt (6) xhur prigunerija effettiva;

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta ’htija tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta' Esperti jew Periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta ’Malta, stante li f’dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta’ Esperti jew Periti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**